C/2025/3355

13.6.2025

Avviż għall-attenzjoni tal-persuna fiżika u l-entità soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/254, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1199; u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/287, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1198 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala

(C/2025/3355)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuna u l-entità li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/254 ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1199 ([2]), u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/287 ([3]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1198 ([4]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala.

L-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2024/287 jeħtieġ li l-persuni, l-entitajiet jew il-korpi elenkati jridu jirrapportaw, fi żmien sitt ġimgħat mid-data tal-elenkar fl-Anness I, fondi jew riżorsi ekonomiċi fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru li jappartjenu lilhom, huma proprjetà tagħhom, jinżammu jew huma kkontrollati minnhom, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsabu dawk il-fondi jew riżorsi ekonomiċi. Huma jridu jikkooperaw mal-awtorità kompetenti nazzjonali fi kwalunkwe verifika ta' tali informazzjoni. In-nuqqas ta' konformità ma' dawn l-obbligi ser titqies bħala ċirkomvenzjoni tal-miżuri dwar l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi.

L-informazzjoni li trid tiġi rrapportata trid tintbagħat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti permezz tas-sit web tagħha kif indikat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/287 ([5]).

([1]) ĠU L, 2024/254, 15.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/254/oj.
([2]) ĠU L, 2025/1199, 12.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1199/oj.
([3]) ĠU L, 2024/287, 15.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/287/oj.
([4]) ĠU L, 2025/1198, 12.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1198/oj.
([5]) L-aħħar verżjoni konsolidata hija disponibbli fuq Regolament - UE - 2024/287 - MT - EUR-Lex (europa.eu)